

IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET TAL-UŻU U S-SERVIZZ TAL-CLOUD IUCLID

JEKK JOGĦĠBOK AQRA BIR-REQQA T-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET LI ĠEJJIN LI JIRREGOLAW L-UŻU TAL-CLOUD IUCLID QABEL MA TUŻA L-CLOUD IUCLID. BIEX TAQBEL MAT-TERMINI TAS-SERVIZZ, IMMARKA L-KAXXA BIEX TINDIKA LI TKUN QRAJT U AĊĊETTAJT IT-TERMINI TAS-SERVIZZ. L-AĊĊESS GĦALL-CLOUD IUCLID HUWA SOĠĠETT GĦAL AĊĊETTAZZJONI MINN QABEL TA' DAWN IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET

1. Definizzjonijiet

- (a) Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor b'mod esplicitu, it-termini użati hawnhekk għandu jkollhom it-tifsiriet li ġejjin:

Regolament CLP	tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet;
Kunsens	tfisser kwalunkwe indikazzjoni tax-xewqat tas-Suġġett tad-Data mogħtija b'mod liberu, speċifika, informata u mhux ambigwa li permezz tagħha hu jew hi, permezz ta' dikjarazzjoni jew permezz ta' azzjoni affermattiva ċara, juri li jaqbel mal-ipproċessar ta' data personali relatata miegħu jew magħha;
Data	tfisser kwalunkwe data li titqiegħed fuq il-Cloud IUCLID mill-Parti;
Suġġett tad-Data	tfisser persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;
ECHA	tfisser l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi stabbilita f'Helsinki, il-Finlandja;
Kont tal-ECHA	tfisser il-pjattaforma online stabbilita mill-ECHA għall-ħolqien ta' kontijiet individwali tal-utenti, li tippermetti lill-Partijiet joħolqu abbonamenti għas-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-IT tal-ECHA. Fil-Kont tal-ECHA, il-Maniġer tal-Entità Legali jista' jagħti u jirrevoka drittijiet ta' aċċess għas-servizzi u l-applikazzjonijiet tal-IT tal-ECHA għal Utenti mill-grupp tiegħu stess.
Is-servizzi tal-Cloud tal-ECHA	Il-pjattaforma minn fejn il-Maniġer tal-Entità Legali jista' jabbona ma' u jiġġestixxi l-pjattaforma tas-servizzi tal-Cloud IUCLID;
Portal ta' Preżentazzjoni tal-ECHA	tfisser is-sistema ċentrali tal-IT li tinkludi s-sit web u l-applikazzjoni web tal-portal ta' Preżentazzjoni uffiċjali tal-ECHA, kif stabbilit għall-preżentazzjoni tad-data meħtieġa skont l-Artikolu 45 u l-Anness VIII tar-Regolament CLP u għal aċċess ta' kwalunkwe komunikazzjoni relatata ma' tali preżentazzjoni;
Cloud IUCLID	tfisser is-servizz tal-IT li joffri (u jħaddan) is-servizz tal-Cloud IUCLID u s-servizz ta' Prova tal-Cloud IUCLID

Servizz tal-Cloud IUCLID	tfisser is-servizz tal-IT fil-Cloud, li jippermetti lill-Parti tiġbor, taħżen u tipproċessa data fil-Cloud b'mod konformi mal-format tar-rappurtar tal-Bażi ta' Data Internazzjonali għall-Infurmazzjoni Kimika Uniformi (minn hawn 'il quddiem "IUCLID"), kif meħtieġ mir-Regolament REACH, inklużpereżempju, data dwar sustanzi kimiċi, il-proprjetajiet tagħhom, il-produtturi jew l-importaturi tagħhom u data u metadata relatati;
Servizz ta' Prova tal-Cloud IUCLID	tfisser is-servizz ta' prova tal-IT fil-Cloud, li ma jkunx fih il-karatteristiċi kollha tas-Servizz tal-Cloud IUCLID;
Maniġer tal-Entità Legali	L-Utenti ewlieni ta' Parti li għandu d-drittijiet ta' aċċess biex jiġġestixxi u joħloq Utenti oħra, jassenja rwoli u jabbona ma' servizzi f'isem il-Parti;
Parti	tfisser kwalunkwe entità legali li għandha drittijiet ta' aċċess għal wieħed mis-servizzi (jew għaż-żewġ servizzi) tal-Cloud IUCLID;
Data Personali	tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli;
REACH-IT	tfisser is-sistema ċentrali tal-IT li tinkludi l-applikazzjoni web REACH-IT u s-sit web kif preskritt mill-ECHA għall-preżentazzjoni ta' data ta' REACH-IT u għan-notifika tad-deċiżjonijiet u l-korrispondenza kollha relatati ma' din il-preżentazzjoni. Is-sistema tissottolinja: (i) ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni u leġiżlazzjoni relatata, kif ukoll (ii) ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġġ tas-Sustanzi u t-Taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
Ir-Regolament REACH	tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi;
Abbonament	tfisser l-azzjoni mwettqa mill-Maniġer tal-Entità Legali meta jiddeċiedi li jibda juża wieħed mis-servizzi tal-Cloud IUCLID;
Termini u Kundizzjonijiet	tfisser dawn it-termini u l-kundizzjonijiet kif emendati minn żmien għal żmien u kif inhuma fis-seħħ. Il-politika tal-ECHA dwar il-protezzjoni tad-data personali tiffirma parti integrali minn dawn it-termini u l-kundizzjonijiet. Għal din il-politika u

tal-Cloud IUCLID, u ma jistax, u mhuwix maħsub biex, jintuża għal kwalunkwe skop ieħor.

- (f) Il-Parti tirrikonoxxi li l-Cloud IUCLID mhijiex offruta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u ma tistax tintuża mal-brawżers kollha tal-internet.
- (g) Għall-finijiet ta' ċarezza, l-IUCLID hija offruta wkoll bħala softwer li jista' jitniżżel soġġett għal aċċettazzjoni ta' ftehim ta' liċenzjar separat.

3. **Reġistrazzjoni u Abbonament**

- (a) L-aċċess għall-Cloud IUCLID u għall-użu tagħha jingħata lill-Parti soġġett għal u b'mod konformi ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (b) Sabiex taċċessa l-Cloud IUCLID, il-Parti għandha l-ewwel tilloggja fis-servizzi tal-Cloud tal-ECHA billi tuża l-user ID(s) u l-password(s) tal-utent irreġistrati maħluqa fil-Kont tal-ECHA, mill-Maniġer tal-Entità Legali, għal applikazzjonijiet u servizzi tal-IT tal-ECHA, bħal REACH-IT. Jekk il-Parti ma jkollhiex user ID(s) u password(s) tal-utent irreġistrati, il-Parti għandha toħloq kont tal-utent fil-Kont tal-ECHA, li jikkonsisti minn user ID u password tal-utent, u jkollha tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

Abbonament huwa meħtieġ għal kull servizz tal-Cloud IUCLID. Il-Parti, rappreżentata mill-Maniġer tal-Entità Legali, għandha toħloq Abbonament uniku għas-servizz ta' Prova tal-Cloud IUCLID u/jew is-servizz tal-Cloud IUCLID, skont il-ħtiġijiet tagħha. Il-Parti tirrikonoxxi li Abbonament għal servizz ta' Prova tal-Cloud IUCLID u/jew is-servizz tal-Cloud IUCLID huwa limitat għal wiehded kull Parti. Il-ġestjoni tal-Utenti tal-Abbonament tal-Parti hija ġestita mill-Parti bl-applikazzjoni ta' ġestjoni tal-utenti tal-Kont tal-ECHA. Il-Parti hija intitolata li tagħti drittijiet ta' aċċess lill-Utenti għall-Cloud IUCLID, u biex tirrevoka d-drittijiet tal-Utent minn Utenti. Meta jaċċessaw u jużaw il-Cloud IUCLID, l-Utenti għandhom jużaw il-user ID u l-password tal-utent irreġistrati tal-Parti.

Meta toħloq l-Abbonament(i) uniku/uniċi għas-servizz ta' Prova tal-Cloud IUCLID u/jew is-servizz tal-Cloud IUCLID, il-Parti trid taqra u taqbel ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet billi timmarka l-kaxxa li tiddikjara li tkun qrat u qablet mat-Termini u l-Kundizzjonijiet. Kull Utent huwa obligat ukoll li jaqra u jaċċetta dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet mal-ewwel tentattiv tiegħu biex jaċċessa l-Cloud IUCLID.

L-ECHA tirriżerva d-dritt assolut, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li tvarja dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet bi kwalunkwe mod u fi kwalunkwe ħin, u l-Utenti se jintalbu jaqraw u jaċċettaw it-Termini u l-Kundizzjonijiet emendati mal-ewwel tentattiv tagħhom biex jaċċessaw il-Cloud IUCLID wara li jkun saru l-varjazzjonijiet. Billi jaċċessaw u/jew ikomplu jużaw il-Cloud IUCLID, l-Utenti (u b'estensjoni, il-Parti) jaċċettaw b'mod speċifiku dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet kif inhuma varjati.

- (c) Il-Parti taqbel li kwalunkwe Utent li japplika l-user ID(s) u l-password(s) tal-utent tagħha biex jaċċessa l-Cloud IUCLID ikun qed jaġixxi f'isem il-Parti u jkollu l-awtorità legali li jaġixxi f'isimha. Referenza f'dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet għall-Utenti tal-Parti li jilloggjaw fil-Cloud IUCLID, jew li jkomplu jużaw il-Cloud IUCLID jew inkella jaċċessaw il-Cloud IUCLID, għandha tinkludi kwalunkwe att bħal dan magħmul minn kwalunkwe persuna li tuża l-user ID(s) u/jew il-password(s) tal-utent tal-Parti (kemm jekk awtorizzata mill-Parti kif ukoll jekk le).
- (d) Il-Parti taqbel li żżomm id-dettalji tal-Utenti tagħha aġġornati fi kwalunkwe ħin. Għal dan il-għan, l-ECHA tista' titlob lill-Utenti jikkonfermaw id-dettalji tagħhom fuq bażi annwali.

4. Appoġġ Tekniku, Funzjonijiet ta' Riżerva u Ħżin tad-Data

- (a) Il-Parti tirrikonoxxi li s-Servizz ta' Prova tal-Cloud IUCLID ma jinkludix servizzi ta' appoġġ tekniku jew funzjonijiet ta' riżerva, u l-ħżin tad-data offrut fis-Servizz ta' Prova tal-Cloud IUCLID huwa limitat sal-punt li jista' jintuża biss bħala għodda tat-tagħlim.
- (b) Kwalunkwe funzjoni offruta fis-servizz tal-Cloud IUCLID, inkluża, iżda mhux limitata għall-ħżin u l-irkupru tad-data, hija soġġetta għat-Taqsima 7 ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet. Huwa rakkomandat li l-Parti żżomm ir-rekords (back-ups) tagħha stess tad-Data tagħha.
- (c) Is-servizz tal-Cloud IUCLID jinkludi helpdesk u servizzi ta' appoġġ tekniku. It-talbiet dwar kwistjonijiet regolatorji jistgħu jsiru permezz tal-formoli ta' talba ta' informazzjoni fuq il-paġna ta' kuntatt tal-ECHA. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta mill-ECHA għal skopijiet ta' appoġġ tekniku tista' tintuża biss mill-Parti bl-iskop li jintuża s-servizz tal-Cloud IUCLID u ma tista' tiġi żvelata lil ebda parti terza jew użata għal skopijiet oħra. L-ECHA hija responsabbli biss mill-għoti tal-informazzjoni mitluba f'perjodu ta' żmien raġonevoli, b'kunsiderazzjoni tal-kumplessità tal-mistoqsija u/jew tal-informazzjoni mitluba mill-Parti. L-azzjonijiet kollha meħuda mill-ECHA se jitwettqu skont l-informazzjoni mogħtija mill-Parti. Għal dan il-għan, l-ECHA mhija se taċċetta l-ebda responsabbiltà jekk din l-informazzjoni tinkludi żbalji jew ommissjonijiet. Il-Parti hija responsabbli b'mod assolut mid-data mogħtija fi kwalunkwe talba għal informazzjoni.
- (d) Kull Parti tirrikonoxxi u taqbel li l-Cloud IUCLID hija attwalment ospitata fi cloud privata offruta minn fornitur ta' servizz ta' parti terza u li l-ECHA tista' tuża fornituri ta' servizz ta' parti terza biex tipprovdi servizzi relatati mal-Cloud IUCLID. Il-fornituri ta' servizz ikunu entitajiet li jirrisjedu fl-Unjoni Ewropea u kwalunkwe Data mqiegħda fuq il-Cloud IUCLID tibqa' fl-Unjoni Ewropea.
- (e) Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 5, l-ECHA mhux se jkollha aċċess għad-Data mqiegħda fuq il-Cloud IUCLID minn Parti jew Utenti, sakemm ma jkunx ingħata permess mill-Parti jew l-Utent ikkonċernati. Il-permess se jintalab biss għal skopijiet relatati mal-manutenzjoni/mas-servizz u l-ECHA mhux se tirrieżamina jew tiegħu s-sjeda tad-Data mqiegħda fuq il-Cloud IUCLID. Jekk jingħata permess, is-servizzi se jitwettqu mill-ECHA jew minn fornituri ta' servizz ta' parti terza skont l-obbligi ta' kunfidenzjalità xierqa.

5. Għoti ta' Data u Garanziji

- (a) Id-Data kollha għandha titqiegħed fuq il-Cloud IUCLID f'format elettroniku ħieles minn viruses.
- (b) L-ECHA u l-Parti jirrikonoxxu li l-internet, minħabba konġestjoni tat-traffiku imprevedibbli, partijiet terzi malizzjużi u raġunijiet oħra, huwa mezz ta' komunikazzjoni mhux affidabbli b'mod inerenti u li dan in-nuqqas ta' affidabbiltà huwa lil hinn mill-kontroll tal-Parti jew tal-ECHA. L-ECHA u l-Parti jirrikonoxxu li huwa impossibbli li tinżamm sigurtà assoluta. L-ECHA tuża l-isforzi kollha tagħha biex tiżgura li l-Cloud IUCLID tiffunzjona b'mod korrett. L-ECHA m'għandha tkun responsabbli mill-ebda aċċess mhux awtorizzat għall-Cloud IUCLID minn xi parti terza jew għal fallimenti, żbalji jew dewmien relatati ma' konnessjonijiet tal-internet ta' Parti.
- (c) Il-Parti tiddikjara, tigarantixxi u timpenja ruħha mal-ECHA li:
 - (i) kwalunkwe Data mqiegħda fuq il-Cloud IUCLID permezz tal-kont tal-utent tal-Parti għandha titqies li tkun tqiegħdet mill-Parti;

- (ii) hija s-sid tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali kollha fid-Data li tkun qiegħdet, inklużi d-drittijiet tal-awtur, it-trademarks jew l-isem, jew hija debitament awtorizzata mis-sid ta' dawn id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali għall-iskopijiet ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (d) Barra minn hekk, il-Parti b'dan tiggarrantixxi lill-ECHA li:
- (i) l-informazzjoni kollha mogħtija lill-ECHA fir-rigward tal-applikazzjoni tagħha biex issir Parti u l-informazzjoni kollha li tista' tingħata sussegwentement għaż-żamma tal-istatus tagħha bħala Parti minn żmien għal żmien hija kompleta, korretta u aġġornata;
 - (ii) l-użu tal-Cloud IUCLID u l-aċċettazzjoni u l-prestazzjoni tagħha tal-obbligi tagħha skont dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet ġew debitament awtorizzati bil-kisba tal-approvazzjonijiet kollha neċessarji korporattivi jew mill-partijiet terzi u ma jiksru id-dokumenti kostituttivi tal-Parti jew kwalunkwe liġi, regolament jew ftehim vinkolanti oħrajn fuq il-Parti;
 - (iii) dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jikkostitwixxu kuntratt legalment vinkolanti u eżegwibbli; u
 - (iv) fir-rigward tal-użu tal-Cloud IUCLID tagħha, għandha tikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha inkluż, mingħajr limitazzjoni, mal-proċeduri u d-direzzjonijiet kollha nnotifikati jew ippubblikati mill-ECHA.

6. Privatezza

- (a) Il-Parti tagħti l-kunsens tagħha (u kisbet il-Kunsens ta' kull Suġġett tad-Data) biex id-Data Personali li tipprovdi tkun tista' tiġi pproċessata mill-ECHA, istituzzjonijiet, korpi jew aġenziji tal-UE oħrajn u Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membru bil-għan li jiġi implimentat ir-Regolament REACH, ir-Regolament CLP u leġiżlazzjoni tal-UE relevanti oħra, u bil-għan li jiġu ssodisfati l-obbligi tal-Parti skont dawn il-leġiżlazzjonijiet.
- (b) Il-Parti (u l-Utent(i)) se jintalbu jipprovdu ċerta Data Personali bħall-isem, l-indirizz postali, l-email, u kwalunkwe data oħra bħall-pajjiż, iż-żona kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba.
- (c) Il-Parti trid tikseb il-Kunsens tas-Suġġett tad-Data, jew ikollha raġunijiet legali oħra, qabel ma tippreżenta kwalunkwe Data Personali ta' dak is-Suġġett tad-Data lill-Cloud IUCLID kif deskritt hawn fuq fit-Taqsima 3 ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.
- (d) L-ECHA hija impenjata li tiżgura d-dritt għall-privatezza. Għall-politika tal-ECHA dwar il-protezzjoni tad-data personali u għal aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-Parti għandha tirreferi għall-paġna elettronika tal-ECHA dwar il-protezzjoni tad-data personali (<http://echa.europa.eu/about-us/the-way-we-work/personal-data-protection>).
- (e) Għall-eżerċitar tad-drittijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali jew għal kwalunkwe mistoqsija ġenerali dwar il-politika dwar il-privatezza ġenerali, il-Parti (u l-Utent(i)) tista' tikkuntattja lill-ECHA permezz tal-formoli li hemm fuq il-paġna ta' kuntatt tal-ECHA.

7. Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' Responsabbiltà u Limitazzjoni ta' Responsabbiltà

- (a) Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 101 tar-Regolament REACH dwar ir-responsabbiltà tal-ECHA.

- (b) Il-Parti tirrikonoxxi li kwalunkwe użu ta' jew dipendenza fuq kwalunkwe parti tal-Cloud IUCLID għandha tkun għar-riskju proprju tagħha. Il-Parti tirrikonoxxi wkoll li l-użu tal-Cloud IUCLID huwa pprovdut fuq bażi ta' "KIF INHU" u "KIF INHU DISPONIBBLI" u mingħajr garanzija jew kundizzjoni ta' kwalunkwe tip, kemm espressa kif ukoll implikata.
- (c) L-ECHA ma tassumi ebda responsabbiltà ta' kwalunkwe tip għal kwalunkwe użu tal-Cloud IUCLID minn Parti. Billi taċċessa u/jew tkompli tuża l-Cloud IUCLID u/jew billi tipprovi lill-Utenti b'passwords għall-Cloud IUCLID, il-Parti hija responsabbli għalkollox mid-Data kollha mqiegħda fuq il-Cloud . L-ECHA m'hija ser tkun responsabbli (kemm ċivilment kif ukoll b'kuntratt jew mod ieħor) mill-ebda talba għal telf jew ħsarat ta' kwalunkwe tip (kemm diretti kif ukoll indiretti, kwalunkwe telf ta' profitt, telf ta' dñul, telf ta' tfaddil antiċipat jew telf ta' avvjament) tkun xi tkun u tkun kif tkun, li tinħoloq mill-użu ta' jew mid-dipendenza fuq il-Cloud IUCLID jew kwalunkwe sistema jew softwer relatati inkluż kwalunkwe ġestjoni ħażina, ommissjoni, nuqqas ta' konsenja, dewmien, użu negliġenti jew mhux awtorizzat tal-Cloud IUCLID jew tal-user ID(s) u password(s) tal-utent irreġistrati tal-Parti.
- (d) L-ECHA ma taċċetta l-ebda responsabbiltà ta' kwalunkwe tip mill-preċiżjoni, il-kompletezza jew l-affidabbiltà tal-kontenut jew il-format tal-preżentazzjonijiet tad-data maħluqa fis-Servizz tal-Cloud IUCLID, jew li l-preżentazzjonijiet tad-data jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament REACH jew tar-Regolament CLP. Il-Parti tirrikonoxxi li huwa l-obbligu tal-Parti li tiżgura l-preċiżjoni, il-kompletezza u l-konformità tal-preżentazzjonijiet tad-data mar-Regolament REACH jew mar-Regolament CLP qabel ma tittrasferixxi l-preżentazzjonijiet tad-data lil REACH-IT jew, fejn rilevanti, il-Portal ta' Preżentazzjoni tal-ECHA.
- (e) L-ECHA m'hija ser tkun responsabbli mill-ebda azzjoni meħuda jew mill-ebda falliment, tfixkil jew dewmien fil-prestazzjoni sħiħa jew parzjali tal-obbligi tagħha skont dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jekk tali azzjoni, falliment, tfixkil jew dewmien jinħolqu minn kawżi lil hinn mill-kontroll raġonevoli tal-ECHA. Dawn il-kawżi jistgħu jinkludu, iżda m'għandhomx ikunu limitati għal, atti ta' force majeure, tilwim dwar ix-xogħol, ħsara mekkanika, fallimenti tal-kompjuter jew tas-sistema jew fallimenti oħra ta' tagħmir, fallimenti ta' jew difetti fil-kompjuter jew is-softwer tas-sistema, ħsara fil-kompjuter minħabba rutini ta' programmazzjoni mhux awtorizzati, nuqqas ta' disponibbiltà ta' u restrizzjonijiet fuq kwalunkwe midja ta' komunikazzjoni għal kwalunkwe raġuni, interruzzjonijiet fil-provvisti tal-elettriku, kwalunkwe liġi, digriet, regolament jew ordni ta' kwalunkwe gvern, awtorità kompetenti, korp sovranazzjonali jew kwalunkwe qorti jew tribunal jew kwalunkwe kawża oħra lil hinn mill-kontroll tal-ECHA.
- (f) Il-Parti taqbel, b'mod irrevokabbli u mingħajr kundizzjoni, li tiddefendi, tindennizza b'mod sħiħ u tiggarrantixxi li l-ECHA ma jsirilhiex danni minn u kontra kull responsabbiltà, ħsara, talba, azzjoni, kost u spiża (inklużi tariffi legali) f'konnessjoni ma' jew li jinħolqu mill-wasla, jew it-trażmissjoni jew il-pubblikazzjoni jew il-ħżin jew il-pussess ta' kwalunkwe Data permezz tal-Cloud IUCLID u/jew il-ksur mill-Parti ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet u/jew l-użu mhux xieraq tal-Cloud IUCLID.

8. Id-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali

- (a) Ħlief għal kwalunkwe dritti ta' proprjetà intellettuali li l-Parti jista' jkollha fir-rigward ta' kwalunkwe Data, il-Parti tirrikonoxxi li l-kontenut u l-materjali tal-Cloud IUCLID (inklużi l-organizzazzjoni u l-arranġament tagħha) huma l-proprjetà tal-ECHA jew tal-partijiet terzi u d-drittijiet tal-awtur, id-drittijiet tal-bażi ta' data, id-drittijiet tal-katalgu u kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali ieħor fihom jappartjenu lill-ECHA jew lill-partijiet terzi.

- (b) Il-Parti tirrikonoxxi li l-Cloud IUCLID u sistemi u softwer relatati huma l-proprjetà tal-ECHA jew il-fornituri ta' servizz tagħha. Il-Parti m'għandhiex tbaġħbas, timmodifika, tiddekkompila, twettaq inġinerija inversa jew tbiddel bi kwalunkwe mod ieħor il-Cloud IUCLID jew kwalunkwe mis-softwer relatat u l-Parti m'għandha tipprowva tikseb aċċess mhux awtorizzat għall-ebda parti tal-Cloud IUCLID. L-ECHA hija intitolata li tiċħad l-aċċess tal-Parti għall-Cloud ta' IUCLID kollha jew parti minnha jekk il-Parti twettaq kwalunkwe wieħed mill-atti msemmija hawn fuq jew jekk l-ECHA, fi kwalunkwe ħin, tissuspetta b'mod raġonevoli li l-Parti tkun wettqet jew ipprovat twettaq kwalunkwe wieħed minnhom.

9. Modifika, Twaqqif jew Terminazzjoni

- (a) L-ECHA tirriżerva d-dritt li timmodifika jew twaqqaf, temporanjament jew b'mod permanenti, il-Cloud IUCLID (jew kwalunkwe parti jew karatteristika tagħha) fi kwalunkwe ħin wara notifika minn qabel lill-Parti jekk dan ikun prattikabbli, jew inkella, mingħajr notifika minn qabel jekk din in-notifika ma tkunx prattikabbli. L-ECHA tista' ttemm jew tissospendi l-aċċess tal-Parti għall-Cloud IUCLID kollha jew parti minnha b'effett minn kwalunkwe ħin li tqis xieraq għal kwalunkwe raġuni inkluż, mingħajr limitazzjoni, il-ksur ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jew kwalunkwe terminu u kundizzjoni oħrajn, kif preskritt mill-ECHA minn żmien għal żmien. Jekk l-aċċess tal-Parti għall-Cloud IUCLID jiġi terminat jew sospiż, id-Data mqiegħda fis-servizz tal-Cloud IUCLID se tinħażen għal perjodu ta' żmien raġonevoli.
- (b) L-ECHA għandha tkun intitolata, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li tissospendi temporanjament il-Cloud IUCLID kollha jew parti minnha sabiex taġġorna jew timmodifika l-Cloud IUCLID jew kwalunkwe sistema jew softwer relatati u/jew tirrestrinġi l-aċċess tal-Parti għall-Cloud IUCLID u l-użu tagħha fejn l-ECHA tqis li dan ikun raġonevolment neċessarju għall-operazzjoni jew il-manutenzzjoni tal-Cloud IUCLID jew kwalunkwe sistema jew softwer relatati. L-ECHA m'għandhiex tkun responsabbli lejn il-Parti jew kwalunkwe parti terza minn kwalunkwe talba ta' kwalunkwe tip relatata ma' din it-terminazzjoni, ir-restrizzjoni jew is-sospensjoni tal-Cloud IUCLID.

10. Dispożizzjonijiet Mixxellanji

- (a) Jekk kwalunkwe dispożizzjoni msemmija hawnhekk tinstab li sa ċertu punt hija invalida jew ma tistax tiġi eżegwita, imbagħad din id-dispożizzjoni se tiġi interpretata, mifhuma u rriformata sal-punt raġonevolment meħtieġ biex issir valida, eżegwibbli u konsistenti mal-intenzjoni oriġinali tagħha. Kull dispożizzjoni ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet tista' tiġi mifruda mill-oħrajn, u jekk dispożizzjoni waħda jew aktar jiġu ddikjarati invalidi jew li ma jistgħux jiġu eżegwiti, il-kumpliment tad-dispożizzjonijiet ta' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet jibqgħu effettivi u fis-seħħ.
- (b) Dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet mhumiex maħsuba biex imorru kontra xi rekwiżit obligatorju stabbilit fir-regolamenti obligatorji applikabbli jew biex jeskludu responsabbiltà minn kwistjonijiet, li ma jistgħux jiġu esklużi taħt dawn ir-regolamenti.
- (c) It-Termini u l-Kundizzjonijiet għandhom jiġu rregolati minn u mifhuma b'mod konformi mal-liġijiet tal-Finlandja, minbarra l-għażla tad-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tal-liġi tagħha.
- (d) Kwalunkwe tilwima, kontroversja jew talba li tirriżulta minn jew li hija relatata ma' dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet, jew mal-ksur jew il-validità tagħhom, għandha tiġi solvuta mill-qrati ta' Helsinki, il-Finlandja.